MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 839/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Portelli bin Francis u Mary nee' Said, imwieled fit-2 ta' Mejju, 1977 u residenti Down Town Hotel,**
**Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 497193(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Portelli li gie akkuzat talli f'Awissu tal-2007 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Vanessa Portelli s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u ghal

uliedhom skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt li jkollha tithallas dik is-somma, aktar talli fis-6 ta' Ottubru, 2007 ghall-habta tal-11:15a.m. ingurja jew hedded lil martu Vanessa Portelli minn Nadur:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza;

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li qeghda tillibera lill-imputat ghar-rigward ta' l-ewwel (1) akkuza u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza, issibu hati u tikkundannah riprensjoni u ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------